*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,336, 7 ta' Novembru, 2008*
*Taqsima B*

**A.L. 268 ta' l-2008**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
## (KAP. 123)

### Ordni ta' l-2008 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika Ellenika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel l-ordni li ġej:–

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Repubblika Ellenika). Titolu.

**2.** B'dan qiegħed jiġi dikjarat - Arranġamenti jkollhom effett.

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mar-Repubblika Ellenika sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Repubblika Ellenika:–

– it-taxxa fuq l-*income* għal persuni naturali; u

– it-taxxa fuq l-*income* għal persuni ġuridiċi;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-30 ta' Awissu, 2008.

SKEDA

# FTEHIM

bejn Malta u r-Repubblika Ellenika
dwar ħelsien minn taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*

**Il-Gvern ta' Malta**
**u**
**l-Gvern tar-Repubblika Ellenika**

Billi jixtiequ jagħmlu Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*

Ftehmu kif ġej:

**KAPITLU I**
**GĦAN TAL-FTEHIM**

**Artiklu 1**
**PERSUNI KOPERTI**

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

**Artiklu 2**
**TAXXI KOPERTI**

1. Dan il-ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq kull qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli, u taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi u salarji li jitħallsu minn impriżi kif ukoll taxxi fuq l-apprezzament kapitali.

3. It-taxxi eżistenti li dwarhom japplika dan il-Ftehim huma:

a) Fil-każ ta' Malta:
it-taxxa fuq l-*income*;
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta");

b) Fil-każ tar-Repubblika Ellenika:
i) it-taxxa fuq l-*income* għal persuni naturali;
ii) it-taxxa fuq l-*income* għal persuni ġuridiċi;
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa Ellenika").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li jiġu imposti wara d-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim b'żjieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxi rispettivi tagħhom.

**KAPITLU II**
**TIFSIRIET**

**Artiklu 3**
**TIFSIRIET ĠENERALI**

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

a) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru Malta jew ir-Repubblika Ellenika skond ir-rabta tal-kliem;

b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta din tiġi użata f'sens geografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta' baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta għandha drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll skond id-dritt internazzjonali (inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi dwar il-Baħar –UNCLOS) u d-dritt nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha għar-rigward ta' l-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

ċ) il-frażi "Repubblika Ellenika" tikkomprendi t-territorju tar-Repubblika Ellenika inkluż il-baħar territorjali tagħha kif ukoll dik il-parti mill-baħar, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu taħt il-Baħar Mediterran, li fuqu r-Repubblika Ellenika, skond il-liġijiet nazzjonali tagħha u d-dritt internazzjonali (inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Liġi dwar il-Baħar – UNCLOS), għandha drittijiet sovrani għall-fini ta' l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni jew l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali ta' dawk l-arei;

d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ta' persuni ieħor;

e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull enti li jkun ittrattat bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

g) il-frażi "ċittadin" tfisser:

i) kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;
ii) kull persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li jiksbu l-istatus tagħhom bħala tali mil-liġijiet li jkunu fis-sehh fi Stat Kontraenti;

h) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport permezz ta' bastiment jew b'inġenji ta' l-ajru, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jkunu unikament imħaddma bejn postijiet fi Stat Kontraenti;

i) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

i) f'Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;
ii) fir-Repubblika Ellenika, il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull żmien minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim skond ma din tkun tipprevali fuq xi tifsira mogħtija lil dik il-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-Istat.

**Artiklu 4**
**RESIDENTI**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, tkun soġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba fid-domiċilju, ir-residenza, il-post tal-maniġġ jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat.

2. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

a) huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewg Stati, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li fih ikun soltu jirrisjedi;

ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewg Stati, jew f'ebda wiehed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat biss li jkun ċittadin tiegħu;

d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewg Stati, jew ta' l-ebda wiehed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejnithom.

3. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura dak l-individwu għandu jitqies bħala residenti biss fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tiegħu.

**Artiklu 5**
**STABBILIMENT PERMANENTI**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa l-kummerċ ta' dik l-impriża għalkollox jew f'parti minnu.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" b'mod speċjali tinkludi:

a) post ta' maniġġ;
b) fergħa;
ċ) uffiċċju;
d) fabbrika;
e) ħanut tax-xogħol; u
f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Il-frażi "stabbiliment permanenti" bl-istess mod tinkludi:

a) art li tkun qegħda tinbena, proġett ta' kostruzzjoni, assemblaġġ jew stallazzjoni jew attivitajiet ta' sorveljanza li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dik l-art, dak il-proġett jew dawk l-attivitajiet ikomplu għaddejin għal perjodu ta' aktar minn sitt xhur;

b) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' għajnuna u konsulenza teknika, minn impriża permezz ta' impjegati jew persunal ieħor imqabbad mill-impriża għal dak l-għan, meta dawk l-attivitajiet ikomplu għaddejin għal perjodu jew perjodi li flimkien iġibu jew jeċċedu l-120 gurnata f'perjodu ta' tnax il-xahar.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

a) l-użu ta' faċilitajiet bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża;

b) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim;

ċ) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ipproċessar minn impriża oħra;

d) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew ta' merkanzija, jew ta' gbir ta' tagħrif, għall-impriża;

e) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, kull attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

f) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju unikament biex tkun tista' ssir xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi a) sa e), sakemm l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn dik il-kombinazzjoni tkun wahda ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

5. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 8 - tkun qegħda taġixxi f'isem xi impriża u jkollha, u tkun abitwalment teżerċita, fi Stat Kontraenti l-awtorità li tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 illi, jekk dawn jiġu eżerċitati minn go post tan-negozju fiss, ma jkunux jirrendu lil dak il-post tan-negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt il-provvedimenti ta' dak il-paragrafu.

6. Minkejja l-provvedimenti ta' qabel ta' dan l-Artiklu u l-provvediment ta' l-Artiklu 14, persuna li tkun residenti ta' Stat Kontraenti u li tkun tiġġestixxi attivitajiet li jkollhom x'jaqsmu ma' *surveys* preliminari, l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni jew l-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jitqies li jkun qiegħed jiġġestixxi għar-rigward ta' dawk l-attivitajiet kummerċ f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti jew ta' bażi fissa li tkun tinsab hemmhekk, kemm-il darba dawk l-attivitajiet ma jsirux għal xi perjodu jew perjodi li b'kollox ma jkunux jeċċedu t-30 gurnata f'xi perjodu ta' tnax-il xahar. Madankollu, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu:

a) meta impriża li tkun qegħda tiġġestixxi l-attivitajiet tagħha fl-Istat l-ieħor ikollha x'taqsam ma' xi impriża oħra u dik l-impriża l-oħra tkompli bħala parti mill-istess proġett l-istess attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu ġestiti jew li kienu gew ġestiti mill-impriża msemmija qabel, u l-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu ġestiti miż-żewg impriżi jkunu jeċċedu – meta jiġu miżjudin flimkien – perjodu ta' 30 gurnata, allura kull impriża għandha titqies bħala li tkun qegħda tiġġestixxi l-attivitajiet tagħha għal perjodu li jeċċedi 30 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar;

b) żewg impriżi jitqiesu li jkunu relatati jekk wahda minnhom tkun sew direttament sew indirettament kontrollata mill-oħra, jew inkella jekk it-tnejn ikunu kontrollati sew direttament sew indirettament minn terza persuna.

7. Impriża ta' l-assiġurazzjoni ta' Stat Kontraenti għandha titqies bħala li għandha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk din tkun tigbor premjijiet f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' xi aġent – li ma jkunx aġent li dwaru japplika l-paragrafu 8 – jew jekk din tkun tassiġura riskji li jkunu jinsabu f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' dak l-agent.

8. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom. Madankollu, meta l-attivitajiet ta' dak l-aġent isiru għalkollox jew kważi għalkollox għal dik l-

impriża, huwa ma jitqiesx bħala aġent bi status indipendenti fil-kuntest tat-tifsira ta' dan il-paragrafu.

9. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

## KAPITLU III
## TAXXI FUQ L-*INCOME*

### Artiklu 6
### *INCOME* MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew ħidma fil-boskijiet) li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tkun tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw il-provvedimenti tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali. Bastimenti, dgħajjes jew inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, il-kiri, jew l-użu b'kull mod ieħor ta' proprjetà immobbli.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

### Artiklu 7
### PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli lil dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti il-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża

distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet u li taħdem għalkollox indipendentement mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta’ stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet ta’ l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-Istat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band’oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali ta’ l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 ma għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b’dak it-tqassim skond ma jista’ jkun konswetudinarju; il-metodu ta’ tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, isir b’tali mod li r-riżultat ikun skond il-prinċipji li jinsabu f’dan l-Artiklu.

5. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f’li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta’ oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raguni tajba u suffiċjenti għaliex dan ma għandux isir.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta’ *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f’Artikli oħra ta’ dan il-Ftehim, għaldaqshekk il-provvedimenti ta’ dawk l-Artikli ma għandhomx jintlaqtu bil-provvedimenti ta’ dan l-Artiklu.

**Artiklu 8**
**TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU**

1. Il-profitti li jinkisbu minn impriża ta’ Stat Kontraenti mit-tħaddim ta’ bastimenti jew inġenji ta’ l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti fejn ikunu reġistrati l-bastimenti jew li jkollhom dokumenti maħruġin minnhom.

2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, *income* li jinkiseb minn impriża ta’ Stat Kontraenti fit-tħaddim ta’ xi bastiment fi traffiku internazzjonali għandu jkun taxxabbli biss f’dak l-Istat Kontraenti.

3. Il-profitti li jinkisbu mit-tħaddim ta’ inġenji ta’ l-ajru fi traffiku internazzjonali għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta’ maniġġ ta’ l-impriża.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ukoll japplikaw għal profitti miksubin mill-parteċipazzjoni f’*pool*, negozju bi shab jew agenzija b’operat internazzjonali.

**Artiklu 9**
**IMPRIŻI ASSOĊJATI**

1. Meta

a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

b) l-istess persuni jipparteċipaw sew direttament sew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewg impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienx għal dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal xi wahda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kondizzjonijiet, ma jkunux ġew hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skond hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tkun ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti li jiġu hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat imsemmi li kieku l-kondizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewg impriżi kienu dawk li kienu kieku jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat l-ieħor jista' jagħmel it-tibdil li jmiss fl-ammont tat-taxxa hemmhekk imposta fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit dak it-tibdil, għandhom jitqiesu kif dovut il-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk iqisu li jkun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

**Artiklu 10**
**DIVIDENDI**

1. Id-dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. a) Dawk id-dividendi, madankollu, jistgħu ukoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti li l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti fih u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk ir-riċevitur ikun is-sid benefiċjarju tad-dividendi it-taxxa li hekk tintalab ma għandhiex tkun iżjed minn:

(i) 5 fil-mija ta' l-ammont kollu u sħiħ tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju jkun kumpannija (minbarra soċjetà) li jkollha direttament mill-inqas 25 fil-mija mill-kapital tal-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi;

(ii) 10 fil-mija ta' l-ammont kollu u sħiħ tad-dividendi fil-każijiet l-oħra kollha;

b) Minkejja l-provvediment tal-paragrafu 2 meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tal-Repubblika Ellenika li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont kollu u sħiħ tad-dividendi, skond is-sistema interna tagħha ta' kalkolu, m'għandhiex tkun iżjed minn dik li titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu ma jolqotx l-intaxxar tal- kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom bi ftehim reċiproku jirranġaw il-mod kif jiġu applikati dawn il-limitazzjonijiet.

3. Il-frażi "dividendi" skond ma tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma, minn ishma "jouissance" jew minn drittijiet"jouissance" oħra, ishma fuq minjieri, ishma ta' fundaturi jew drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, il-parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma skond il-liġijiet ta' l-Istat fejn tkun residenti l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief sakemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilita sitwati f'dak Istat l-ieħor, lanqas ma jista' jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

## Artiklu 11
## MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dak l-imgħax jista' wkoll jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn dan joriġina u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċjarju ta' dak l-imgħax, it-taxxa hekk mitluba m'għandhiex teċċedi 8 fil-mija ta' l-ammont kollu u sħiħ ta' l-imgħax. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti għandhom jirranġaw bi ftehim reċiproku l-mod kif tkun tapplika din il-limitazzjoni.

3. Il-frażi "mgħax" kif tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assigurati b'ipoteka sew jekk le, u sew jekk ikollhomx dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet relatati ma dawk it-titoli, *bonds* jew *debentures*. ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqiesux bħala mgħax għall-finijiet ta' dan l-Artiklu.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'każ bħal dak għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Għandu jitqies li joriġina mgħax fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, l-persuna li tkun qed tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, jkollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi fissa li f'konnessjoni magħhom tkun inkisbet il-qagħda ta' debitu li fuqu jitħallas l-imgħax, u dak l-imgħax jinġarr minn dak l-istabbiliment permanenti jew minn dik il-bażi fissa, allura dak l-imgħax għandu jitqies bħala li joriġina fl-Istat fejn ikunu jinsabu l-istabbiliment permanenti jew il-bażi fissa.

6. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' l- imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-ahhar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tal-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

7. Il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu ma għandhom ikunu japplikaw jekk il-pretensjoni ta' debitu li dwaru jitħallas l-imgħax ikun prinċipalment inħoloq jew ġie assenjat bil-għan li jittieħed vantaġġ minn dan l-Artiklu u mhux għal raġunijiet kummerċjali validi. F'każ bħal dak, l-ammont tal-ħlasijiet għandu jiġi intaxxat skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti.

**Artiklu 12**
***ROYALTIES***

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istat Kontraenti fejn jinqalgħu u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk ir-riċevitur ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn 8 fil-mija ta' l-ammont kollu u sħiħ ta' *royalties*. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat

Kontraenti għandhom jirranġaw bi ftehim reċiproku l-mod kif tkun tapplika din il-limitazzjoni.

3. Il-frażi "*royalties*", skond ma tintuża f'dan l-Artiklu, tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull dritt ta' l-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi u films jew *tapes* għal xandir bit-televiżjoni jew bir-radju jew xandir bis-satellita, *cables*, fibri ottiċi jew teknoloġiji bħal dawk li jintużaw għax-xandir, *tapes* manjetiċi, diski jew diski bil-*laser*, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għall-użu ta', jew id-dritt li jintuża, tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku, jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn jinqalgħu r-*royalties*, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qiegħed jagħmel f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

5. Ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, madankollu, il-persuna li tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk ma tkunx, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilita li dwarhom ikun ittieħed l-obbligu li jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* ikunu r-responsabbiltà ta' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat li fih ikun qiegħed l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilita.

6. Meta, minħabba fir-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, fil-qies ta' x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, il-provvedimenti ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-ahhar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu l-provvedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim.

7. Il-provvedimenti ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw jekk id-dritt jew il-proprjetà li minnhom jinqalgħu r-*royalties* ikunu ġew maħluqa jew assenjati primarjament bil-għan li jittieħed vantaġġ minn dan l-Artiklu u mhux għal raġunijiet kummerċjali validi. F'dak il-każ l-ammont ta' ħlasijiet għandu jiġi intaxxat skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti.

## Artiklu 13
## QLIGĦ MINN PROPRJETÀ

1. Kull qligħ li jinkiseb minn residenti ta’ Stat Kontraenti mit-trasferiment ta’ proprjetà immobbli imsemmi fl-Artiklu 6 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista’ jiġi intaxxat f’dak l-Istat l-ieħor.

2. Kull qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta’ ishma jew mgħaxijiet li jixxiebhu f’kumpannija li jkollha l-assi tagħha direttament jew indirettament prinċipalment jikkonsistu fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti jista’ jiġi intaxxat f’dak l-Istat.

3. Qligħ mit-trasferiment ta’ proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta’ stabbiliment permanenti li impriża ta’ Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta’ proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita li tkun disponibbli għal residenti ta’ Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta’ dak l-istabbiliment permanenti (wahdu jew flimkien ma’ l-impriża kollha) jew ta’ dik il-bażi stabbilita, jista’ jiġi intaxxat f’dak Istat l-ieħor.

4. Qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta’ bastimenti jew inġenji ta’ l-ajru li jkunu qegħdin jitħaddmu fi traffiku internazzjonali jew minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta’ dawk il-bastimenti jew inġenji ta’ l-ajru, għandhom jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti fejn il-profitti minn dawk il-bastimenti jew inġenji ta’ l-ajru jkunu jistgħu jiġu intaxxati skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 8.

5. Qligħ mit-trasferiment ta’ proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4, għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti li min jittrasferixxi jkun residenti fih.

## Artiklu 14
## SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn individwu li jkun residenti ta’ Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta’ xorta indipendenti għandu jiġi intaxxat biss f’dak l-Istat. Madankollu, dak l-*income* jista’ jiġi intaxxat fl-Istat l-ieħor jekk:

a) l-individwu jkollu bażi fissa li tkun regolarment disponibbli għalih f’dak l-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu, jew

b) l-individwu jkun joqgħod fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew għal perjodi li b’kollox ikunu jgħoddu aktar minn 183 gurnata f’perjodu ta’ tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali in kwistjoni,

iżda biss daqstant minnu daqskemm ikun attribwibbli għal dik il-bażi fissa jew għal servizzi mogħtija f’dak l-Istat.

2. Il-frażi “servizzi professjonali” tinkludi, l-aktar u fost l-oħrajn, attivitajiet xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta’ tagħlim indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta’ tobba, avukati, inginiera, periti, dentisti u *accountants*.

**Artiklu 15**
**SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI**

1. Bla ħsara għall-provvedimenti ta' l-Artikli 16, 18 u 19, is-salarji, il-pagi u kull kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg li jkun eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

a) min jirċevih ikun joqgħod fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ma jgħoddux aktar minn 183 gurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena kalendarja involuta; u

b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti fl-Istat l-ieħor; u

ċ) il-kumpens ma jkunx ta' piż fuq l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilita li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja l-provvedimenti preċedenti ta' dan l-Artiklu, il-kumpens li jinkiseb dwar impjieg eżerċitat abbord xi bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali, jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn il-profitti mit-tħaddim tal-bastiment jew inġenji ta' l-ajru jistgħu jiġu intaxxati skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 8.

4. Minkejja l-provvedimenti ta' qabel, is-salarji, pagi u kull rimunerazzjoni oħra li tinkiseb minn residenti fi Stat Kontraenti rigward xi impjiet li jkollu x'jaqsam ma' l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 5 li jitmexxew permezz ta' stabbiliment permanenti jew ta' bażi fissa fl-Istat Kontraenti l-ieħor, tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

**Artiklu 16**
**DRITTIJIET TAD-DIRETTURI**

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

**Artiklu 17**
**ARTISTI U SPORTIVI**

1. Minkejja l-provvedimenti ta' l-Artikli 14 u 15, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala persuni li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala

sportivi, mill-attivitajiet personali tagħhom bħala tali li jiġu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn persuni li jagħtu spettaklu jew minn sportivi, fil-kapaċità tagħhom bħala tali, ma jinġabarx favur il-persuna li tagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja l-provvedimenti ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Stat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet tal-persuna li tagħti spettaklu jew ta' l-isportiv.

3. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2, *income* li jinkiseb minn attivitajiet imsemmija fil-paragarfu 1 u li jsiru bis-saħħa ta' xi ftehim kulturali jew arranġament bejn l-Istat Kontraenti għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet jekk iż-żjara f'dak l-Istat tkun waħda għalkollox jew sostanzjalment appoġġata minn fondi pubbliċi ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor.

**Artiklu 18**
**PENSJONIJIET**

Bla ħsara għall-provvedimenti tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 19, il-pensjonijiet u kumpens ieħor bħal dawk li jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impjieg imgħoddi għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

**Artiklu 19**
**SERVIZZI TAL-GVERN**

1. a) Salarji, pagi u kull rimunerazzjoni oħra bħal dawk, minbarra pensjoni, mħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

b) Madankollu, kull salarju, paga u rimunerazzjoni oħra simili bħal dawk għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat u:

(i) jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament sabiex jaqdi dawk is-servizzi.

2. a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li tohrog minn fond mahluq minn, Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

b) Madankollu, dik il-pensjoni għandha tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti ta', u ċittadin ta', dak l-Istat.

3. Il-provvedimenti ta' l-Artikli 15, 16, 17 u 18 għandhom japplikaw għal kull rimunerazzjoni u pensjoni għar-rigward ta' kummerċ li jkun ġestit minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu.

**Artiklu 20**
**PROFESSURI U STUDENTI**

1. Ir-rimunerazzjoni li residenti ta' Stat Kontraenti jirċievi sabiex jagħmel studju ta' riċerka f'livell għoli jew għal tagħlim, matul perjodu li ma jeċċedix is-sentejn, f'xi università, istitut ta' riċerka jew f'xi stabbiliment ieħor bħal dawk għall-ogħla edukazzjoni jew għal edukazzjoni superjuri fl-Istat Kontraenti l-ieħor, ma għandhiex tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor, sakemm din ir-rimunerazzjoni tiġi intaxxata fl-Istat l-ewwel imsemmi.

2. Il-ħlasijiet li student jew apprendist kummerċjali li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun joqgħod fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi unikament għall-finijiet ta' l-edukazzjoni jew tat-taħriġ tiegħu jirċievi għall-finijiet tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-tahrig tiegħu ma għandhomx jiġu intaxxati f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet ikunu ġejjin minn għejjun oħra li ma jkunux dak l-Istat.

**Artiklu 21**
***INCOME* IEĦOR**

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 6, jekk min jirċievi dak l-*income*, għax ikun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi fissa. F'dak il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

**KAPITLU IV**
**METODI TA' ELIMINAZZJONI TA' TAXXA DOPPJA**

**Artiklu 22**
**ELIMINAZZJONI TA' TAXXA DOPPJA**

1. Meta residenti ta' Stat Kontraenti jikseb *income* li, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, jista' jkun intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor, l-Istat l-ewwel imsemmi għandu jippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, ammont daqsinsew it-taxxa fuq l-*income* li titħallas f'dak l-Istat l-ieħor.

Dak it-tnaqqis f'kull każ ma għandux, madankollu, jeċċedi dik il-parti tat-taxxa fuq l-*income*, kif din tkun mahduma skond il-provvedimenti rilevanti tal-liġi tat-taxxa interna ta' l-Istat l-ewwel imsemmi qabel ma jingħata t-tnaqqis, li tkun attribwibbli, skond il-każ, għall-*income* li jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta jitħallsu dividendi minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tar-Repubblika Ellenika, it-taxxa li jittieħed kont tagħha għat-tnaqqis provdut fil-paragragu 1 ma għandhiex tkun teċċedi dik li tiġi attwalment imħallsa min-residenti tar-Repubblika Ellenika. F'ebda okkażjoni, f'każ bħal dak, ma għandu jittieħed kont tat-taxxa li għandha titħallas mill-kumpannija għall-profitti li minnhom jitħallsu dawk id-dividendi.

3. Meta skond xi provvediment tal-Ftehim *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontreanti jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat, dak l-Istat jista' madankollu, meta jiġi biex jikkalkula l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li jifdal ta' dak ir-residenti, jieħu kont ta' l-*income* li jkun ġie eżentat.

## KAPITLU V
## PROVVEDIMENTI SPEĊJALI

### Artiklu 23
### EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhom jiġu assoġġettati fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal ebda tassazzjoni jew ebda ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u htieġiet konnessi li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu assoġġettati. Dawn il-provvedimenti għandhom, minkejja l-provvedimenti ta' l-Artiklu 1, jkunu japplikaw ukoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi wiehed jew taż-żewg Stati Kontraenti.

2. Persuni apolidi li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti ma għandhomx ikunu assoġġettati f'xi Stat Kontraenti wieħed jew l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u htieġiet konnessi li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi ikunu jew jistgħu jiġu assoġġettati.

3. L-intaxxar fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandux jingabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-tassazzjoni migbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess ativitajiet. Dan il-provvediment m'għandux jiftiehem bħala li jobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowances*, helsien u tnaqqis personali għall-għanijiet ta' tassazzjoni minħabba fl-istatus ċivili jew responsabbiltajiet familjari li jikkonċedi lir-residenti tiegħu.

4. Ħlief meta japplikaw l-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 9, il-paragrafi 6 u 7 ta' l-Artiklu 11, jew il-paragrafi 6 u 7 ta' l-Artiklu 12, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti

l-ieħor għandhom, għall-fini li jiġu stabbilit x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dawn kienu mħallsa lil residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, ta' residenti wiehed jew iktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunu assoġġettati fl-Istat l-ewwel imsemmi għal ebda tassazzjoni jew ebda ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u htiġiet konnessi li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati l-impriżi ta' l- Istat l-ewwel imsemmi.

**Artiklu 24**
**PROĊEDURA TA' FTEHIM REĊIPROKU**

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wiehed jew taż-żewg Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji provduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti fejn huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 23, quddiem dik ta' l- Stat Kontraenti li huwa jkun ċittadin tiegħu. Il-każ għandu jiġi ippreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skond il-provvedimenti tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprova, jekk l-oġġezzjoni tkun tidhrilha li hi waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond il-Ftehim. Meta jintlahaq ftehim, dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l- Stati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom permezz ta' ftehim reċiproku jippruvaw jirrisolvu kull diffikultà jew dubbju li jista' jirriżulta dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien dwar l-eliminazzjoni ta' tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin bl-iskop li jilhqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti. Meta jkun jidher sew li biex jintlaħaq ftehim ikun hemm bżonn ta' skambju ta' fehmiet bil-fomm, dak l-iskambju jkun jista' jsir permezz ta' Kummissjoni li tkun tikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti.

**Artiklu 25**
**SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq tal-provvedimenti ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti għar-rigward ta' taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħthom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta'

informazzjoni ma huwiex ristrett bl-Artiklu 1. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta mill-Istat Kontraenti għandha tiġi ittrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew lil awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet gudizzjarji.

2. F'ebda każ ma għandhom il-provvedimenti tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess ta' kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

### Artiklu 26
### MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI

Ebda haga f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali tal-membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' kariġi konsulari taħt ir-regoli generali tad-dritt internazzjonali jew taħt il-provvedimenti ta' kull ftehim speċjali.

## KAPITLU VI
## PROVVEDIMENTI TA' L-AĦĦAR

### Artiklu 27
### BIDU FIS-SEĦĦ

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin, permezz tal-kanali diplomatiċi, li l-ħtiġiet legali għall-bidu fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni jkunu ġew imħarsa.

2. Dan il-Ftehim għandu għandu jidhol fis-sehh tletin jum wara d-data li tiġi l-iktar tard mill-avviżi msemmija fil-paragrafu 1 u l-provvedimenti tiegħu għandhom ikunu japplikaw:

a) f'Malta:
għar-rigward ta' taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew perjodu ta' kontijiet, skond il-każ, li jibda fl-ewwel jum ta' Jannar jew wara li jkun jaħbat minnufih wara d-data li fiha jibda jseħħ il-Ftehim.

b) fil-Repubblika Ellenika:
għar-rigward ta’ *income* miksub fl-ewwel jum ta’ Jannar jew wara tas-sena kalendarja li taħbat minnufih wara s-sena li fiha jibda jseħħ il-Ftehim.

**Artiklu 28**
**TERMINAZZJONI**

Dan il-Ftehim għandu jibqa’ jsehh sakemm jiġi terminat minn xi Stat Kontraenti. Kull wiehed mill-Istati Kontraenti jista’ jtemm il-Ftehim, permezz ta’ kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż tat-terminazzjoni mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem ta’ xi sena kalendarja li tibda għaddejja wara l-iskadenza ta’ perjodu ta’ hames snin minn meta l-Ftehim jidhol fis-sehh. F’dak il-każ, il-Ftehim ma għandux jibqa’ fis-sehh:

a) f’Malta:
għar-rigward ta’ taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew perjodu ta’ kontijiet, skond il-każ, li jibda fl-ewwel jum ta’ Jannar jew wara li jkun jaħbat minnufih wara d-data li fiha jingħata l-avviż.

b) fil-Repubblika Ellenika:
għar-rigward ta’ *income* miksub fl-ewwel jum ta’ Jannar jew wara tas-sena kalendarja li taħbat minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Ateni, fit-13 ta' Ottubru, 2006 f'żewġ oriġinali, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Grieg, kull wieħed miż-żewġ testi awtentiċi ndaqs, bit-test Ingliż li jkun jipprevali jekk ikun hemm xi dubju.

| | |
|---|---|
| MICHAEL FRENDO<br>Għall-Gvern<br>ta' Malta | DORA BAKOYANNIS<br>Għall-Gvern<br>tar-Repubblika Ellenika |

**L.N. 268 of 2008**

## INCOME TAX ACT
## (CAP. 123)

## Double Taxation Relief (Taxes on Income) (Hellenic Republic) Order, 2008

IN exercise of the powers conferred by article 76 of the Income Tax Act, the Minister of Finance, the Economy and Investment has made the following order:–

Citation.

**1.** The title of this order is the Double Taxation Relief (Taxes on Income) (Hellenic Republic) Order, 2008.

Arrangements to have effect.

**2.** It is hereby declared:–

(a) that the arrangements specified in the Convention set out in the Schedule to this Order have been made with the Hellenic Republic with a view to affording relief from double taxation in relation to the following taxes imposed by the laws of the Hellenic Republic:–

– the income tax on natural persons; and

– the income tax on legal persons;

(b) that it is expedient that those arrangements should have effect;

(c) that the Convention has entered into force on the 30 August, 2008.

SCHEDULE

# CONVENTION

between Malta and the Hellenic Republic
for the avoidance of double taxation and the prevention of fiscal evasion with respect to taxes on income

**The Government of Malta**
**and**
**the Government of the Hellenic Republic**

Desiring to conclude a Convention for the avoidance of double taxation and the prevention of fiscal evasion with respect to taxes on income

Have agreed as follows: